VELJA TA’ TALB QUDDIEM ĠESÙ SAGRAMENTAT



It-Tema: “X’nista’ noffrilek, Ġesù?
Ħin: 45 minuta
Għan tal-velja: Ngħinu lill-adolexxenti jifhmu li Ġesù ma jitlobx minna rigali kbar jew affarijiet straordinarji, iżda jixtieq li noffrulu dak li diġà għandna: it-talenti tagħna, il-kwalitajiet tajbin tagħna, il-ħin tagħna u l-imħabba tagħna. Bħalma r-ragħajja marru jiltaqgħu ma’ Ġesù, hekk ukoll aħna mistiedna nersqu lejh u noffrulu xi ħaġa minn tagħna.

Espożizzjoni tas-Santissimu Sagrament

Is-saċerdot jesponi s-Santissimu Sagrament fuq l-artal. Waqt l-espożizzjoni jitkanta innu Ewkaristiku adattat, jew innu ieħor ta' worship bħal – Here I am to Worship - https://www.youtube.com/watch?v=YXq2ztqe8f0&list=RDYXq2ztqe8f0&start_radio=1
Wara l-kant, jinżamm mument qasir ta' skiet jew tipproponi li tingħad Vista tradizzjonali billi tqassam karti b'vista stampata. Tista' tuża din t'hawn taħt:

Ġesù Ewkaristija,
għal ftit ġejt noqgħod ħdejk
sabiex nitkellem miegħek
u nuri mħabbti lejk.
Ilqagħha din iż-żjara
li llum erfajt għalik:
int taf li jien inħobbok
u spiss niftakar fik.
Glorja

Ġesù Ewkaristija,
kull ħajr sinċier nagħtik
tal-ġid li tajtni f'ħajti
biex nibqa' nemmen fik.
Għallimni nagħraf sewwa
l-imħabba tiegħek lejja,
għallimni nżommok f'qalbi,
kuljum quddiem għajnejja.
Glorja

Ġesù Ewkaristija,
tal-lejl u n-nhar is-Sid,
noffrilek dal-jum tiegħi
bix-xogħol u bit-taħbit.
Noffrilek ħajti kollha
bil-ferħ u n-niket tagħha,
jien naf li inti tridha
u b'għożża dlonk tilqagħha.
Glorja
Ġesù Ewkaristija,
illum b'qalbi sogħbiena
nixtieq nitolbok maħfra
u minni jkollok ħniena.
F'dis-siegħa kollha mħabba
li jien erfajt għalik,
inwiegħdek li qatt iżjed
ma jien se noffendik.
Glorja

Ġesù Ewkaristija,
mexxini fit-triq tiegħek,
tħallini qatt fil-ħama
u t-tajn ta' l-għelt nitmiegħek.
Ħarisni llum u dejjem
mill-ħażen u mid-dnub:
għallimni nħobb biss lilek
kull ħin, Ġesù maħbub.
Glorja

Missierna, Sliema u Glorja skont il-fehma tal-papa.

Saċerdot/Animatur:

Illejla ninsabu hawn quddiem Ġesù. Forsi xi wħud minna kellhom ġurnata sabiħa; oħrajn kellhom ġurnata mimlija taħbit l-iskola jew l-università, homework, jew impenji oħra.

Imma issa se nagħmlu xi ħaġa differenti. Se nqattgħu ftit ħin ma' Ġesù.

Ġesù li twieled f'Betlehem aktar minn elfejn sena ilu huwa l-istess Ġesù li jinsab hawn magħna fll-Ewkaristija.

Illejla se nisimgħu l-istorja ta' xi nies sempliċi li kellhom ix-xorti li jkunu fost l-ewwel nies li raw lit-tarbija Ġesù: ir-ragħajja.

Ejjew nitolbu lil Ġesù biex jgħinna niftħu qalbna għal dak li jrid jgħidilna illejla permezz ta' din l-adorazzjoni.

Talba tal-bidu:

Mulej Ġesù, aħna ninsabu hawn quddiemek. Grazzi talli dejjem tilqagħna, bid-difetti kollha tagħna. Għinna biex f'dan il-mument ta' talb ma nkunux distratti, imma nisimgħu dak li trid tgħidilna. Iftħilna qalbna biex nagħrfu kemm tħobbna u kemm aħna importanti għalik. Ammen.

Skiet għal madwar minuta u mbagħad tista' titkanta l-Alleluja u kulħadd iqum bilwieqfa.

Il-Vanġelu – Ir-ragħajja jmorru għand Ġesù

Qari mill-Evanġelju skont San Luqa (2, 8-20)

8F'dawk l-inħawi kien hemm xi rgħajja fir-raba', għassa mal-merħla tagħhom billejl. **9**U dehrilhom anġlu tal-Mulej, il-glorja tal-Mulej iddiet madwarhom, u qabadhom biża' kbir. **10**Iżda l-anġlu qalilhom: "Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu. **11**Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej. **12**U bħala sinjal ikollkom dan; issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura." **13**F'daqqa waħda ngħaqdu mal-anġlu għadd kbir ta' qtajja' tas-sema, ifaħħru lil Alla u jgħidu:

14"Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet,
u sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu lilu!"

15Meta mbagħad l-anġli ħallewhom u telgħu s-sema, ir-rgħajja bdew jgħidu lil xulxin: "Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x'ġara kif għarrafna l-Mulej." **16**Marru mela jgħaġġlu, u sabu lil Marija u 'l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura. **17**Kif raw dan, bdew jgħarrfu b'kulma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija, **18**u kull min semagħhom baqa' mistagħġeb b'dak li qalulhom ir-rgħajja. **19**Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha. **20**Ir-rgħajja mbagħad reġgħu lura, isebbħu u jfaħħru lil Alla għal kulma kienu raw u semgħu, kif l-anġlu kien qalilhom.

Il-Kelma tal-Mulej
Irroddu ħajr lil Alla

Riflessjoni – X'għandi x'noffrilek, Ġesù?

Riflessjoni hija indikattiva u tista' tiġi interpretata mis-saċerdot jew minn animatur.

Min kienu r-ragħajja?

Ejjew nimmaġinaw ftit ix-xena li għadna kemm smajna.

Kien billejl. Kien hemm xi ragħajja barra fir-raba', jieħdu ħsieb in-nagħaġ tagħhom. Probabbilment kien ilhom sigħat jaħdmu. Kienu għajjenin u forsi anke jħossu xi ftit tal-bard. Żgur li ma kienux komdi bħalma kienu dawk li kienu reqdin fi djarhom għas-sħana.

Min kienu dawn ir-ragħajja?

Fi żmien Ġesù, ir-ragħajja kienu nies li kienu jaħdmu ħafna. Kienu jqattgħu sigħat twal barra, fix-xemx u fil-kesħa, jieħdu ħsieb il-merħliet tagħhom. Xogħolhom ma kienx faċli. Kellhom jipproteġu n-nagħaġ mill-annimali selvaġġi u mill-ħallelin, u jfittxulhom fejn jieklu u jixorbu.

Ħafna minnhom kienu nies foqra u sempliċi. Ma kinux nies importanti fis-soċjetà. Ma kellhomx xi pożizzjoni għolja, u lanqas kienu nies magħrufa. Kienu nies emarġinati. Meta l-komunità kienet tkun tiċċelebra xi ħaġa, huma kienu jkunu esklużi għax kienu jkunu mal-merħla tagħhom.

Iżda minkejja n-nuqqas ta' importanza tagħhom, Alla għażel proprju lilhom!

Aħsbu ftit: meta twieled Ġesù, Alla seta' bagħat l-anġli għand xi sultan, għand xi nies sinjuri, jew għand xi nies importanti. Imma le! Bagħathom għand ir-ragħajja.

Għaliex taħsbu li Alla għażel lir-ragħajja?

Għax Alla ma jħarisx lejn kemm għandek flus, kemm int popolari, kemm għandek followers, jew kemm int tajjeb fl-iskola. Alla jħares lejn qalbek; jħares lejn kemm int disponibbli tisma' leħnu, kemm qalbek hi miftuħa għall-providenza tiegħu. U dan jgħodd għalina wkoll. Forsi xi drabi naħsbu li m'aħniex importanti, li m'għandniex xi talent speċjali, jew li ħaddieħor huwa aħjar minna.

Imma Ġesù jħares lejn kull wieħed u waħda minna u jgħidilna: "Int importanti għalija. Jiena rrid niltaqa' miegħek. Kull ma trid tagħmel hu li tiftaħ qalbi għalija u tafdani f'kull pass ta' ħajtek"

Ir-ragħajja marru għand Ġesù

Meta l-anġlu ħabbrilhom li kien twieled is-Salvatur, ir-ragħajja ma baqgħux fejn kienu. Setgħu ddubitaw u baqgħu fejn kienu. Iżda għażlu li jemmnu, jieħdu ċans u jmorru mill-ewwel jiskopru l-aħbar kinitx eżattament kif qalilhom l-anġlu. Infatti il-Vanġelu jgħidilna li marru jgħaġġlu lejn

Betlehem. Ma qalux: “Immorru għada.” Ma qalux: “Għandna wisq x’nagħmlu.” Imma telqu biex jiltaqgħu ma’ Ġesù.

U meta waslu, x’sabu?

Ma sabux palazz sabiħ. Ma sabux tarbija f’sodda tad-deheb. Imma sabu tarbija ċkejkna mimduda f’maxtura, il-post fejn l-annimali jieklu l-għalf tagħhom.

Kemm hi ħaġa sabiħa! Is-Sultan tas-slaten twieled f’post sempliċi ħafna. Post li jista’ jiġi milħuq minn kulħadd, li fih jista’ jidħol kulħadd.

X’offrewlu r-ragħajja?

Issa nixtieqkom timmaġinaw xi ħaġa.

Ir-ragħajja marru jiltaqgħu ma’ Ġesù. Imma taħsbu li marru b’idejhom vojta? Il-Vanġelu ma jgħidilniex li ħadulu xi rigal. Imma nistgħu nimmaġinaw li forsi xi ħadd minnhom ħa miegħu xi ħaġa mill-ftit li kellu.

Forsi xi ħadd ħa ħarufa żgħira. Forsi xi ħadd ħa ftit ħalib jew xi ikel. Forsi oħrajn ma kellhom xejn x’jagħtuh ħlief il-preżenza tagħhom.

Dawn huma affarijiet li nistgħu nimmaġinaw, mhux fatti li jgħidilna l-Vanġelu. Iżda biżżejjed inħarsu lejn xi presepju u ninnutaw kif anke l-artisti jpoġġu lir-rgħajja joffru xi ħarufa.

Imma hemm xi ħaġa li nafu żgur: ir-ragħajja offrew lil Ġesù l-ħin tagħhom, il-preżenza tagħhom u l-ferħ tagħhom. U wara marru jirrakkontaw lil ħaddieħor dak li kienu raw u semgħu. Ma żammewx din l-aħbar it-tajba għalihom iżda qasmuha mal-oħrajn.

U hawnhekk nixtieqkom taħsbu ftit.

Kieku int kont wieħed minn dawk ir-ragħajja, u kellek tmur tara lit-tarbija Ġesù, x’kont se tieħu miegħek?

- Forsi kont se tieħu xi rigal sabiħ?
- Xi ġugarell?
- Xi ħaġa li tħobb ħafna?

Imma Ġesù x’jixtieq tassew mingħandna?

Ġesù ma għandux bżonn il-flus tagħna, il-mobiles tagħna jew l-affarijiet li għandna fid-dar. Ġesù jixtieq li noffrulu xi ħaġa minna nfusna.

- Forsi int tajjeb fil-futbol. Tista' tuża dak it-talent biex tinkoraġġixxi lil xi ħadd li mhux tajjeb daqsek.
- Forsi int tajba biex tisma' lil ħaddieħor. Tista' tagħti ftit ħin lil xi ħabiba li tkun għaddejja minn żmien diffiċli.
- Forsi int persuna ferriħija u dejjem iġġiegħel lil kulħadd jidħak. Tista' tuża dak il-ferħ biex tagħmel il-ġurnata ta' xi ħadd isbaħ.
- Forsi int tajjeb fit-tpinġija, fil-mużika, fl-isport, jew fl-istudju. Tista' tuża dawn it-talenti biex tgħin lil ħaddieħor.

Kull wieħed u waħda minna għandu xi ħaġa tajba x'joffri. U Ġesù ma jqabbilniex ma' xulxin. Ma jgħidx li t-talent ta' wieħed huwa aħjar minn dak tal-ieħor. Għalih, kull offerta magħmula bl-imħabba għandha valur kbir.

L-offerta tagħna waqt il-Quddiesa

Issa nixtieqkom tiftakru f'xi ħaġa li nagħmlu kull darba li nattendu għall-Quddiesa. Hemm mument fil-Quddiesa li nsejħulu l-preżentazzjoni tal-offerti, jew kif ħafna nafuha, l-offertorju.

X'jiġri f'dak il-ħin? Jittellgħu l-ħobż u l-inbid fuq l-artal. Il-ħobż huwa magħmul mill-qamħ li jikber fl-għelieqi, u l-inbid mill-għeneb li jikber fid-dwieli. Dawn huma frott tal-art u tal-ħidma tal-bniedem. Imma l-ħobż u l-inbid jirrappreżentaw ukoll xi ħaġa oħra.

Aħna mistiedna noffru lil Alla l-ħajja tagħna. Meta s-saċerdot jippreżenta l-ħobż u l-inbid, nistgħu f'qalbna ngħidu: "Ġesù, ma' dan il-ħobż u l-inbid nixtieq noffrilek ukoll lili nnifsi."

Nistgħu noffrulu l-istudju tagħna, it-talenti tagħna, il-ħin li nqattgħu ngħinu lill-oħrajn, il-ferħ tagħna, u anke d-diffikultajiet tagħna. Imbagħad, fit-Talba Ewkaristika, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, il-ħobż u l-inbid isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. U aħna nitolbu biex l-offerta tal-ħajja tagħna tingħaqad mal-offerta ta' Ġesù lill-Missier.

Għalhekk, il-ħin tal-offertorju mhuwiex biss il-mument meta xi ħadd itella' l-ħobż u l-inbid fuq l-artal. Huwa wkoll stedina biex aħna noffru qalbna lil Alla, bħalma għamlu r-rgħajja fl-għar ta' Betlehem, aktar minn elfejn sena ilu.

U int, x'se toffri lil Ġesù?

Illejla aħna qegħdin hawn, bħalma r-ragħajja kienu quddiem it-tarbija Ġesù. Aħna m'aħniex quddiem maxtura, imma qegħdin quddiem Ġesù preżenti fis-Santissimu Sagrament.

U Ġesù qiegħed jistenniena. Forsi m'għandniex ħarufa x'noffrulu. Imma għandna xi ħaġa ħafna aktar personali. Għandna t-talenti tagħna, il-kwalitajiet tagħna u l-kapaċità li nagħmlu l-ġid.

Il-mistoqsija li nixtieq inħallikom biha hija din: **"Ġesù, minn dak kollu li tajtni, x'nista' noffrilek biex nagħmel il-ħajja ta' ħaddieħor isbaħ?"**

Jinżammu madwar żewġ minuti ta' skiet, biex kull adolexxent jaħseb fuq din il-mistoqsija.

Attività – Ir-rigal tiegħi lil Ġesù

Materjal meħtieġ: Karti żgħar, pinen u qoffa jew ċestun sabiħ li jitqiegħed f'post adattat quddiem l-artal, mingħajr ma jostakola l-adorazzjoni. L-għan hu li kull adolexxent jagħżel kwalità jew talent li għandu u jiddeċiedi kif jista' joffrih lil Ġesù permezz ta' xi ħaġa konkreta.

Animatur:

> Issa se nagħmlu xi ħaġa speċjali. Kull wieħed u waħda minnkom se jirċievi karta żgħira. Fuqha nixtieqkom tiktbu xi ħaġa tajba li għandkom u li tixtiequ toffru lil Ġesù.
>
> Mhux qed nitlobkom tiktbu xi ħaġa li tagħmlu ħażin jew xi difett li għandkom. Illum se niffukaw fuq it-tajjeb li Alla poġġa fina. Aħsbu f'xi talent, kwalità jew ħila li għandkom. Imbagħad aħsbu kif tistgħu tużawha biex tagħmlu l-ġid lil ħaddieħor.
>
> Pereżempju:

- "Ġesù, jiena tajjeb fl-isport. Se noffrilek dan it-talent billi ngħin lil dawk li jsibuha diffiċli biex jilagħbu."
- "Ġesù, jiena persuna ferriħija. Se nipprova nferraħ lil xi ħadd li jkun imdejjaq."
- "Ġesù, jiena tajba biex nisma' lil ħaddieħor. Se nagħti aktar ħin lil dawk li jkollhom bżonn lil xi ħadd jismagħhom."
- "Ġesù, jiena tajjeb fl-iskola. Se ngħin lil xi ħadd li jsib xi suġġett diffiċli."
- "Ġesù, jiena nħobb ngħin id-dar. Se nipprova nagħmel dan mingħajr ma noqgħod ingerger."

Waqt li l-adolexxenti jkunu qed jiktbu, tista' tindaqq mużika strumentali kwieta jew jitkanta kant ta' meditazzjoni. Wara madwar ftit minuti, l-animatur ikompli:

Animatur:

> Issa se nistedinkom tersqu wieħed wieħed u tqiegħdu l-karta tagħkom fil-qoffa quddiem l-artal. Hekk kif tqiegħdu l-karta, nixtieqkom tgħidu f'qalbkom: "Ġesù, dan huwa r-rigal tiegħi għalik. Għinni nużah biex inħobb aktar." Ħadd mhu se jaqra dak li ktibtu. Din hija offerta personali tagħkom lil Ġesù.

L-adolexxenti jersqu wieħed wieħed. Waqt l-offerta jitkanta kant adattat u jinżamm ambjent ta' talb. Meta kulħadd ikun temm, l-animatur jgħid:

Animatur:

Ġesù, quddiemek hawn qoffa mimlija karti. Imma dawn mhumiex sempliċiment karti. Kull waħda tirrappreżenta talent, kwalità jew xi ħaġa sabiħa li Int poġġejt f'wieħed u waħda minna. Aħna noffrulek dawn ir-rigali u nitolbuk tgħinna biex ma nżommuhomx għalina biss, imma nużawhom biex inħobbu u ngħinu lill-oħrajn.

Jinżammu madwar żewġ minuti ta' skiet u mbagħad adolexxent jaqra din it-talba.

Adolexxent:

Mulej Ġesù,
Illejla ġejna quddiemek bħalma darba ġew ir-ragħajja f'Betlehem.
Huma kienu nies sempliċi, imma Int ilqajthom u mlejtilhom qalbhom bil-ferħ.
Aħna wkoll ġejna quddiemek b'dak li għandna.
Grazzi, Ġesù, għat-talenti u l-kwalitajiet sbieħ li tajt lil kull wieħed u waħda minna.
Għinna biex ma nżommuhomx għalina biss, imma naqsmuhom mal-oħrajn.
Għallimna nużaw idejna biex ngħinu, kliemna biex infarrġu, u qalbna biex inħobbu.
Kull darba li nattendu għall-Quddiesa u naraw il-ħobż u l-inbid jitqiegħdu fuq l-artal, fakkarna li nistgħu noffrulek ukoll il-ħajja tagħna.
Ilqa', Ġesù, ir-rigali li poġġejna quddiemek illejla, u għinna nwettqu dak li wegħedniek.
Biex bħar-ragħajja, aħna wkoll nitilqu minn hawn mimlijin bil-ferħ tiegħek, u nwasslu dan il-ferħ lil kull min niltaqgħu miegħu.
Ammen.

Il-Missierna u l-Barka Ewkaristika

Jiġu mistiedna jqumu bilwieqfa u id f'id ikantaw it-talba tal-Missierna

Animatur:

Ġesù għallimna li Alla huwa Missierna. Huwa Missier li jafna, iħobbna u jagħtina ħafna rigali sbieħ. Issa, bħala aħwa, ejjew inkantaw flimkien it-talba li għallimna Ġesù stess.

Titkanta l-Missierna u wara l-Missierna, is-saċerdot jipprepara għall-Barka Ewkaristika. Dan isir billi jitkanta innu ewkaristiku ieħor jew xi worship song bħal – Lord I need you - https://www.youtube.com/watch?v=LuvfMDhTyMA&list=RDLuvfMDhTyMA&start_radio=1

Saċerdot:

Nitolbu. O Alla, int f'dan is-sagrament tal-għaġeb ħallejtilna t-tifkira tal-Passjoni tiegħek; agħtina, nitolbuk, li nqimu l-misteru tal-Ġisem u d-Demm tiegħek, hekk li nħossu fina bla heda dak li rebbħitilna l-fidwa tiegħek. Int li tgħren u sren għal dejjem ta' dejjem. Amen.

Is-saċerdot jagħti l-barka sagramentali u imbagħad flimkien tingħad din it-talba:

Ikun imbierek Alla.
Imbierek l-Isem Imqaddes tiegħu.
Imbierek Ġesú Kristu, veru Alla u veru bniedem.
Imbierek l-Isem ta' Ġesú .
Imbierka l-Qalb Imqaddsa tiegħu.
Imbierek id-Demm għażiż tiegħu.
Imbierek Ġesú fis-Santissmu Sagrament ta' l-artal.
Imbierek l-Ispirtu s-Santu Paraklitu.
Imbierka l-kbira Omm Alla, Marija Santissma.
Imbierka l-Imqaddsa u Immakulta Kunċizzjoni tagħha.
Imbierek it-Tlugħ glorjuż tagħha fis-sema.
Imbierek l-Isem ta' Marija, Verġni u Omm.
Imbierek San Ġużepp, għarus kastissmu tagħha.
Imbierek Alla fl-anġli u l-qaddisin kollha tiegħu.

Tista tgħalaq b'innu li jaf kulħadd biex ikanta kulħadd. Jista' jintuża Jesus Christ you are my life, jew innu marjan.